MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2012

Numru. 904/2011

**PULIZIJA**
**SPETTUR TONY CACHIA**
**VS**
**JOSEPH GRECH**

**Il-Qorti;**
Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Grech ta’ 49 sena, bin Joseph u Josephine nee’ Farrugia, mwieled Qormi, fid- 9 ta’ Marzu 1963, resdienti Ave Maria, Flat 2, Triq Wied Qirda, Zebbug u detentur tal-Karta tal- Identita’ bin- numru 156363M;

Talli ;

1) fil- 5 ta’ Awwissu 2011 ghall- hin tas- 1.15am fi Triq il- Wied, Qormi kkommetta serq ta’ fuel minn go vettura u cioe trakk b’ numru tar- registrazzjoni KHQ 041 ghad- detriment ta’ Joseph Azzopardi, liema serq huwa

kkwalifikat bil- hin, bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa;

2) aktar talli fil- lejl ta' bejn it- 23 u l- 24 ta' April 2011 u fil- granet ta' qabel minn go Triq Ta' Sqaq iz- Ziemel, Limiti tal- Handaq Qormi, ikkommetta serq ta' fuel ghall- ammont ta' €327 minn go vettura u cioe' trakk numru tar- registrazzjoni SBL 105 ghad- detriment tal- kumpanija Solid Base Lab Ltd liema serq huwa kkwalifikat bil- hin, bil- valur li jissupera l- ammont ta' €232.94 izda mhux dak ta' €2,329.37 bil- mezz u bix- xorta tal- haga misruqa;

3) aktar talli b' diversi atti maghmulin minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti kienu jiksru l- istess disposizjoni tal- Ligi u ghalhekk li gew maghmula b' risoluzzjoni wahda;

4) aktar talli sar recidiv meta ghamel reat iehor wara li gie kkundannat minn Qorti Maltija ghal reat b' sentenza li saret definittiva;

5) aktar talli kiser il- kundizzjonijiet mposta fuqu mill- Qorti tal- Magistrati ta' Malta li nghatat nhar l- 4 ta' Dicembru 2008;

Rat u ezaminat id-dokumenti ezebiti;

Semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi mil-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-imputat huwa hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu. Hu gie akkuzat li f'zewg okkazjonijiet differenti, seraq diesel minn zewg

vetturi, u dan fil-perijodu operattiv ta’ Ordni ta’ Probation moghtija lilu minn din il-Qorti diversament presjeduta. L-imputat ghazel li ma jixhedx u ma jtella’ ebda prova f’din il-kawza. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat jammetti serqa wahda izda jichad l-ohra. Madankollu, gew prodotti provi sufficjenti biex juru l-htija tieghu fiz-zewg okkazjonijiet.

Kwantu ghall-piena, din il-Qorti ser tikkundannah terminu ta’ prigunerija ghall-imputazzjonijiet ta’ serq, u sejra tittratta mieghu ghall-Ordni ta’ Probation moghtija lilu fl-4 ta’ Dicembru 2008. Dik is-sentenza kienet inghatat fuq tentattiv ta’ serq, u ghalhekk il-piena sejra tkun ta’ prigunerija effettiva wkoll f’dak il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270 u 271, 18, 49 u 50 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
U l-Artikoli 7 u 23(1)(a) tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Din il- Qorti ssib lill- imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah tlittax- il xahar (13) prigunerija.
Titratta mal- hati dwar il- ksur tal- Ordni ta’ Probation datata 4 ta’ Dicembru, 2008, u minnflok tikkundannah tnax- il xahar prigunerija (12);
Ghalhekk b’ kollox l-imputat qed jigi kkundannat terminu ta’ hamsa w ghoxrin (25) xahar prigunerija effettivi.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------